MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 71/2004

Joseph Camilleri
vs
Kevin Zammit u s-socjeta` HITE Investments Limited
bhala garanti solidali tal-istess Kevin Zammit

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Ottubru, 2003 (kopja legali esebita Dok. A) il-konvenut Kevin Zammit kien ikkostitwixxa ruhhu bhala cert, likwidu u debitur a favur tal-attur fl-ammont komplessiv ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) u dana taht il-pattijiet u kundizzjonijiet elenkati fl-istess skrittura;

Ukoll illi s-socjeta` konvenuta HITE Investments Limited (Reg. No. C 22556) kienet dahlet garanti solidali mal-

istess konvenut l-iehor ghall-obbligi kollha naxxenti mill-istess skrittura;

Illi fost il-kundizjonijiet maqbula l-konvenut kien obbliga ruhu li sa zmien gimgha mid-data tal-istess skrittura jipprovdi lill-attur garanzija ipotekarja adegwata ghall-ammont imsemmi u fin-nuqqas huwa kellu jiddekadi mill-beneficju tat-terminu lilu koncess skond l-istess skrittura;

Ukoll illi nonostante diversi talbiet mill-attur lill-konvenut sabiex dana jew is-socjeta` konvenuta jadempixxu l-obbligu minnhom assunt fl-istess skrittura u senjatament sabiex jipprovdu l-garanzija ipotekarja adegwata dawna kienu baqghu inadempjenti,

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom kienu naqsu li jipprovdu lill-attur b'garanzija ipotekarja adegwata fl-ammont ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) kif miftiehem fl-iskrittura privata tat-23 ta' Ottubru, 2003 u dana entro gimgha mid-data tal-istess;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom b'konsegwenza ta' tali nuqqas kienu tilfu l-beneficju tat-terminu tal-hlas kif pattwit u b'konsegwenza ta' dan l-attur kellu d-dritt jitlob lura b'mod immedjat l-ammont kollu ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) misluf a tenur tal-imsemmi skrittura;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) oltre l-imghax legali dekors mid-data tal-iskrittura sad-data tal-effettiv pagament dovuti skond l-istess skrittura.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Dicembru, 2003, tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 101/04 tat-22 ta' Jannar 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-iskrittura sad-data tal-pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur li fiha semma:

1. Illi l-fatti mertu tac-citazzjoni kien jafhom personalment u l-fatti esposti kienu minnu sew maghrufa;

2. Illi hu kellu jiehu s-somma ta' sebghin elf lira Maltin (Lm70,000) minghand il-konvenut Kevin Zammit in konnessjoni ma' self li kien tah u meta kien wasal iz-zmien ghall-hlas il-konvenut kien talab lill-attur aktar zmien u kien ghalhekk li kienu marru ghand l-Avukat George Cutajar sabiex l-ammont li kien dovut lill-attur jigi kristalizzat permezz ta' skrittura – in effetti dan sar fuq suggeriment tal-istess konvenut Zammit;

3. Illi permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Ottubru, 2003 (kopja legali esebita Dok. A mac-citazzjoni) il-konvenut Kevin Zammit kien ikkostitwixxa ruhhu bhala cert, likwidu u debitur a favur tal-attur fl-ammont komplessiv ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) u dana taht il-pattijiet u kundizzjonijiet elenkati fl-istess skrittura;

4. Illi s-socjeta` konvenuta HITE Investments Limited (Reg. No. C 22556) kienet dahlet garanti solidali mal-istess konvenut l-iehor ghall-obbligi kollha naxxenti mill-istess skrittura;

5. Illi fost il-kundizjonijiet maqbula mal-konvenut dana kien offra u obbliga ruhu li sa zmien gimgha mid-data tal-istess skrittura jipprovdi lill-attur b'garanzija ipotekarja adegwata ghall-ammont imsemmi u fin-nuqqas huwa kellu jiddekadi mill-beneficju tat-terminu lilu koncess skond l-istess skrittura;

6. Illi nonostante diversi talbiet li ghamel l-attur stess u l-avukat Cutajar lill-konvenut sabiex dana jew is-socjeta` konvenuta jadempixxu l-obbligu minnhom assunt fl-istess skrittura u senjatament sabiex jipprovdu l-garanzija ipotekarja adegwata dawna kienu baqghu inadempjenti,

7. Illi minhabba dina l-inadempjenza l-attur ma kienx fadallu triq ohra ghajr dik illi jipprocedi legalment u dana wara li l-konvenuti kienu gew infurmati u interpellati diversi drabi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Illi jirrizulta kemm mic-citazzjoni kif ukoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn fuq riprodotta kif ukoll mill-iskrittura annessa mac-citazzjoni li Kevin Zammit ikkostitwixxa ruhu a favur ta’ Joseph Camilleri li accetta versu l-ammont cert u likwidu ta’ Lm70,000 rapprezentanti self brevi manu maghmul minn Camilleri lill-istess Zammit. Jirrizulta wkoll li Zammit obbliga ruhu li jirrifondi l-imsemmi ammont f’ zewg pagamenti ta’ Lm35,000 wiehed sat-31 ta’ Jannar 2004 u l-iehor sat-23 ta’ April 2004. fl-imkien ma’ imghax legali bit-8% fuq l-ammont li jkun sar dovut. Inoltre Zammit obbliga ruhu li sa zmien mhux aktar minn gimgha mid-data tal-iskrittura (23 ta’ Ottubru 2003) huwa jipprovdi lil Camilleri garanziji ipotekarji adegwati u fin-nuqqas li dan isir Camilleri jkollu d-dritt li jitlob ir-rifuzjoni immedjata tal-mmont fl-imkien mal-imghaxijiet dekorsi. Hite Investments Limited assumiet solidalment l-obbligi kolha naxxenti mill-imsemmija skrittura u obbligat ruhha li f’ nuqqas da parti tad-debitur li jottempera ruhu mal-obbligi assunti l-imsmemija socjeta` taghmel tajjeb favur il-kreditur Camilleri l-assi kollha taghha prezenti u futuri. Mid-dikjarazzjoni guramentata ta’ Joseph Camilleri jirrizulta li nonostante diversi talbiet minn Camilleri u mill-Avukat Cutajar lill-konvenut biex jadempixxi l-obbligi minnhom assunt fl-imsemmija skrittura (biex jipprovdu garanzija ipotekarja adegwata) huma baqghu inadempjenti.

Il-Qorti rat li l-konvenuti gew debitament notifikati (fol 11) fit-28 ta’ Ottubru, 2004 izda baqghu ma pprezentawx nota

ta' eccezzjonijiet, u baqghu ma dehrux u ma ghamlu ebda forma ta' kontestazzjoni sal-lum.

Semghet l-Avukat ta' l-attur.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur fis-sens tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti kienu naqsu li jipprovdu lill-attur b'garanzija ipotekarja adegwata fl-ammont ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) kif miftiehem fl-iskrittura privata tat-23 ta' Ottubru, 2003 u dana entro gimgha mid-data tal-istess;

Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti b'konsegwenza ta' tali nuqqas kienu tilfu l-beneficju tat-terminu tal-hlas kif pattwit u b' konsegwenza ta' dan l-attur kellu d-dritt jitlob lura b'mod immedjat l-ammont kollu ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) misluf a tenur tal-imsemmi skrittura;

Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm70,000 (sebghin elf lira Maltin) oltre l-imghax legali dekors mit-23 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-effettiv pagament dovuti skond l-istess skrittura.

Spejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------